MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2009

Numru. 450/2000

**Il-Pulizija**
**Spettur Louise Vella**
**Spettur Joseph Valletta**

**vs**

**Omissis**

Il-Qorti:

Rat li l-imputat omissis gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

a) Matul ix-xhur ta’ qabel Marzu tas-sena 2000 b’ diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew

maghmula b' rizoluzzjoni wahda b' ghemil zieni ikkorrompa lil omissis, minorenni ta' erba' snin u dan bi ksur tal-Artikolu 203 (1) (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi minghajr ordni skond il-Ligi tal-Awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-seghta lill-privat li jarresta l-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Omissis minorenni ta' erba' snin kontra l-volonta' taghha sabiex bhala mara igieghlha taghmel jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha u dan bi ksur tal-Artikolu 86 u 87 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

c) Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta' Omissis, minorenni ta' erba' snin.

Rat in-nota tal-Avukat Generali tat-28 ta' Frar 2002 fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak lli hemm mahsub fl-Artikoli 18, 203(1)(a), 86, 87, 199, 201, 207, 31, 20, 22 u 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat li l-imputat waqt l-udjenza tal-14 ta' Marzu 2002 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment.

Rat ir-rapport tal-espert psikjatra minnha nominat permezz ta' digriet tad-9 ta' Ottubru 2003 (rapport inserit a fol. 197 sa 204 tal-atti processwali).

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda allegata korruzzjoni tal-minorenni Omissis min-nannu taghha, l-imputat Omissis. Il-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fit-12 ta' Marzu 2000 certu Omissis, missier Omissis u t-tifel tal-imputat, irraporta l-Ghassa tal-Mellieha li martu Omissis kienet naqset milli taderixxi ma digriet moghti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili bin-numru 16/99 meta din qaltlu li ma kienitx ser tehodlu t-tifla minuri Omissis li kellha erba' snin. L-ghada Omissis kienet marret taghmel rapport l-Ghassa fejn kellmet lis-Supretendent Valletta u allegat li dan l-ahhar bintha kienet qed tqum hafna bil-lejl u jkollha hmar il-lejl u kienet qaltilha li meta missierha Omissis kien jehodha ghand ommu u missieru, u cioe' in-nanniet paterni tat-tifla, in-nannu, u cioe' l-imputat fil-kawza odjerna, kien qed idahhalha fil-kamra tal-banju, kien johrog il-parti genitali tieghu u jghidilha sabiex tmissu u kien anki xarbilha idejha b'xi sustanza li harget mill-parti genitali tieghu. Meta l-Pulizija kellmu lill-imputat huwa cahad kategorikament l-allegazzjonijiet maghmula mit-tifla u minn ommha u ghazel li jirrilaxxja stqarrija (esebita a fol. 14 u 15 tal-process). Fiz-zmien li saru l-allegazzjonijiet li jiffurmaw il-mertu ta' dan il-kaz Omissis u Omissis kienu ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni personali fejn Omissis kienet telqet mid-dar matrimonjali flimkien ma bintha Omissis ta' erba' snin u marret tghix ma ommha Omissis.

Il-minuri Omissis xehdet f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-6 ta' Ottubru 2000 fejn qalet li hija kienet tghix ma' ommha u man-nanna u spjegat li missierha kien jigi jigborha u jehodha ghand in-nanniet paterni. Hija qalet li missierha kien dejjem joqghod maghha meta kienet tkun ghand in-nanniet. It-tifla qalet li darba l-imputat kien qalilha sabiex tidhol mieghu fil-kamra tal-banju u kien ghamel il-pipi f'idejha. Hija qalet li meta gara dan kollu missierha kien barra l-bieb tal-kamra tal-banju flimkien maz-zija taghha Omissis. Hija qalet li l-kelma zunzana qatt ma kienet semghatha qabel u qalet li l-imputat ma kienx jghidilha din il-kelma. Hija spjegat li dan l-incident kien gara zmien twil ilu u mbaghad spjegat li kienet tahseb li kien sehh is-sajf ta' qabel. Meta giet muriija id-

dokumenti immarkati bhala Dok. LV1 u 2, liema dokumenti gew esebiti mill-Ispettur Louise Calleja u jinsabu esebiti a fol. 19 u 20 tal-process hija kkonfermat li kienet hi li ghamlet dawn it-tpingijiet u meta giet mistoqsija mill-Qorti x'kienet ir-raguni li ghamlet zewg tpingijiet hija qalet li Dr. Xuereb (il-psikologa mqabbda mill-parti civili) kienet issuggeritilha li taghmel dan. Hija qalet ukoll li kienet kellmet kemm lil ommha, kif ukoll lin-nanna taghha u lill-Ispettur Louise Vella dwar dawn it-tpingijiet u qalet ukoll li l-Ispettur Vella ma kinitx staqsitha ir-raguni il-ghala kienet ghamlet zewg tpingijiet u mhux wahda. Meta gie suggerit lit-tifla mill-Qorti li l-Ispettur Vella kienet xehdet li Omissis kienet qaltilha li ghamlet zewg tpingijiet ghaliex l-incident sehh darbtejn Omissis qalet li f'dak l-istadju ftakret li fil-fatt l-incident mal-imputat li kienet ghadha kemm xehdet dwaru sehh darbtejn u kien precizament ghal din ir-raguni li Dr. Monica Xuereb qaltilha sabiex taghmel zewg tpingijiet tal-istess haga. Hija qalet li fiz-zewg okkazjonijiet l-imputat ma kien qalilha xejn dwar dak li kien ghamel u wara peress li idejha kienu thamgu missierha kien haslilha idejha. Hija spjegat inoltre li kienet tghalmet it-tifsira tal-kelma zunzana l-iskola. It-tifla qalet li meta sehhew dawn l-incidenti missierha kien irrabja mal-imputat izda ma setghax jghajjat mieghu ghaliex iz-zija Omissis kienet rieqda izda mbaghad qalet li meta iz-zija qamet semghat lil missierha jirrabja mal-imputat. In kontro-ezami it-tifla qalet li kienet taf li n-nannu kien ihobbha izda qalet li ma tahsibx li ghadu jhobbha ghaliex ghamel dawk l-affarijiet maghha. Hija spjegat inoltre li kienet hi li tkellmet ma' ommha dwar dawn l-affarijiet u mhux ommha li staqsitha dwarhom izda qalet ukoll li ommha kienet qaltilha li ser tirrekordjaha u kienet fil-fatt irrekordjat il-konversazzjoni kollha li kellha maghha. Hija qalet li qabel ma bdiet tigi rekordjatha kienet tkellmet ma' ommha dwar dak li kien gara u spjegat li qabel ma' ommha bdiet tirrekordjaha qaltilha 'speak properly'.

Omissis, omm il-minuri, wkoll xehdet fl-udjenza tas-6 ta' Ottubru 2000. Hija qalet li fid-9 ta' Marzu 2000 waqt li ommha Omissis kienet qed tiehu hsieb il-minuri din tal-ahhar kienet qaltilha li n-nannu, u cioe' l-imputat, kien jehodha fil-kamra tal-banju u jaghmel pipi f'idejha. Din ix-

xhud qalet li meta dakinhar irritornat lura d-dar mix-xoghol ommha qaltilha x'kienet qalet it-tifla dwar in-nannu u hija ghalhekk staqsiet lit-tifla dwar dak li kienet qalet lin-nanna u rrekordjatha waqt li kienet qed tghidilha dak li kien gara. Hija spejgat li kienet telqet mid-dar matrimonjali fid-19 ta' Dicembru 1999 u li r-ragel kien qed ikollu access ghal binthom Omissis. Ghall-ewwel sitt gimghat kollox kien jidher normali izda mbaghad it-tifla beda jkollha l-problemi l-iskola, bdiet tibza tithalla wahidha, bdiet tirremetti u taghmel pipi fis-sodda bil-lejl, kien ikollha ta' spiss hmar il-lejl fejn kienet tghid il-kliem 'please don't make me touch it'. Hija tghid li wara li t-tifla qaltilha x'kien gara kienet haditha ghand *child psychologist,* Dr. Monica Xuereb, fejn din kienet qalet li kien fl-ahjar interess tat-tifla li ma tkompliex tara lin-nannu taghha u li hija tigi *monitored*. Fil-proceduri ta' separazzjoni quddiemm il-Qrati Civili giet nominata *child psychologist* Dr. Tanti Burlo li waslet ghall-istess konkluzjonijiet bhal Dr. Xuereb. In kontro-ezami Omissis qalet li qabel ma bdiet tirrekordja lit-tifla ma kienitx kelmitha qabel dwar dak li kien gara.

Omissis, omm Omissis, wkoll xehdet fl-udjenza tas-6 ta' Ottubru 2000, fejn spjegat li Omissis kienet qaltilha *'nanna do you know what?'* u mbaghad kienet qaltilha li l-imputat kien idahhalha mieghu fil-kamra tal-banju u jaghmel pipi f'idejha. Din ix-xhud qalet ukoll li l-minuri kienet qaltilha li l-imputat kien jghidilha *'to squash it for him',* li l-pipi kienet tkun *'sticky'* u li l-imputat kien isejjah il-parti privata tieghu bhala 'zunzana'. Din ix-xhud qalet li it-tifla kienet qaltilha li missierha u z-zija Omissis kienu haslulha idejha wara li sehhu dawn l-affarijiet u li missierha kien ghajjat mal-imputat u qallu sabiex ma jaghmilx hekk.

F'dawn il-proceduri xehdu wkoll Dr. Monica Xuereb, il-psikologa li tqabdet minn omm il-minuri kif ukoll Dr. Helena Tanti Burlo il-psikologa mqabbda fil-proceduri quddiem il-Qrati Civili, fejn dawn xehdu dwar dak li kienet qaltilhom it-tifla meta kelmuha u qalu x'kienu il-konkluzjonijiet taghhom. Il-Qorti izda mhux ser tiehu konjizzjoni tal-konkluzjonijiet taghhom stante li dawn m'humiex esperti mahtura minn din il-Qorti sabiex jaghtu l-

opinjonijiet taghhom u kwindi l-konkluzjonijiet taghhom m'humiex ammissibbli bhala prova f'dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri (deposizzjoni relattiva inserita a fol. 128 sa 134 tal-process) fejn wara li kkonferma dak kollu li kien qal fl-istqarrija rilaxxjata lil Pulizija rega' cahad kategorikament dak allegat minn Omissis u mill-minuri. Huwa spjega li t-tifel Omissis kien igib lil minuri d-dar taghhom jew nhar ta' Sibt jew nhar ta' Hadd bejn id-9.30am u 1.30pm. Huwa spjega li t-tifel kien jibqa' il-hin kollu mal-minuri u kien ikun hemm ukoll bintu Omissis li hija social worker mal-appogg, martu u gieli anki l-gharus ta' bintu Omissis. Huwa qal ukoll li t-tifla meta kienet tkun ghandhom kienet tqatta' hafna hin tilghab fuq il-kompjuter ta' bintu Omissis u kienet tkun fil-kumpanija tal-istess Omissis u ta' ibnu Omissis. L-imputat spjega li huwa kien ikun qed isajjar l-ikla ta' nhar ta' Hadd u qal li meta t-tifla kien ikollha bzonn tmur fil-kamra tal-banju kienu jakkompanjawha jew missierha jew inkella Omissis. L-imputat spjega li wara li il-mara ta' ibnu kienet telqet mid-dar matrimonjali huwa kien ghen hafna lil ibnu jissupera il-problemi li kien ghaddej minhom anki ghaliex ibnu ma riedx jissepara u kienet martu li ghazlet li titlaq mid-dar matrimonjali. Huwa qal li kien hemm okkazzjoni fejn kien qieghed ibiddel is-serratura tal-bieb tad-dar matrimonjali flimkien ma' ibnu, u dan wara li il-mara ta' ibnu kienet hadet hafna affarijiet mid-dar matrimonjali, fejn kienet giet Omissis u qabdithom qed ibiddlu is-serratura. Huwa qal li Omissis haditha kontrih ghaliex huwa kien ghen lil ibnu u kienet qalet lil zewgha hafna diskors negattiv fil-konfronti tieghu bhal li trid tarah il-habs u lil ibnu kienet tghidlu wkoll li trid tarah *'down in the gutter'*.

Id-Difiza resqet bhala xhieda lil Omissis u lil Omissis (xhieda esebiti a fol. 136 sa 145, 168 sa 175 u 230 sa 234) li kkoroboraw pjenament il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat kif ukoll xi xhieda ohra li xehdu dwar il-karattru affidabbli tal-imputat.

F'dawn il-proceduri gie esebit it-*tape recording* mehud minn Omissis ta' dak li qaltilha il-minuri (traskrizzjonijiet relattivi inseriti a  fol. 105 sa 115 u a fol. 146 sa 157).

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' digriet tad-9 ta' Ottubru 2003 giet nominata Dr. Ethel Felice bhala espert psikjatra bl-inkarigu li tezamina lill-imputat u tistabilixxi jekk huwa ghandux tendenzi ta' pedofilija. L-espert psikjatra kkonkludiet li ma sabet ebda tracci ta' tendenzi ta' pedofilija jew ta' perverzjonijiet ohra fl-imputat.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti ezaminat bir-reqqa dan il-process voluminuz fejn gew prodotti diversi xhieda kemm mill-Prosekuzzjoni kif ukoll mid-Difiza u jidrilha li l-kwistjoni ta' sejbien ta' htija o meno f'dan il-kaz tirrivolvi principalment fuq il-kredibilita' tal-minuri Omissis. Wara li l-Qorti rat dak li qalet il-minuri meta xehdet viva voce quddiem din il-qorti, kif ukoll dak li rrizulta mit-traskrizzjoni tat-tape recording mehud minn ommha Omissis u wara li l-Qorti rat dak li xehdu Omissis u ommha Omissis, setghat tirriskontra diskrepanzi sostanzjali fil-verzjoni tal-fatti minnhom moghtija liema diskrepanzi qajmu dubji serji fuq il-verosomiljanza ta' dak allegat mill-minuri. Dawn id-diskrepanzi u inkonsistenzi huma is-segwenti :-

1. Meta xehdet viva voce quddiem il-Qorti il-minuri l-ewwel qalet li l-incident mal-imputat sehh darba wahda izda mbaghad meta ingibditilha l-attenzjoni mill-Qorti dwar il-fatt li hija kienet qalet lill-Ispettur Louise Vella li l-incident kien sehh f'zewg okkazjonijiet u li kien ghal din ir-raguni lli hija kienet ghamlet zewg tpingijiet ugwali (Dok. LV1 u 2) hija bidlet il-verzjoni u qalet li ftakret li l-incident sehh f'zewg okkazjonijiet.

2. It-tifla qalet ukoll li kienet tkellmet ma' ommha dwar dak li gara mal-imputat qabel ma din bdiet tirrekordjaha u li din tal-ahhar imbaghad  qaltilha li kienet ser tirrekordjaha u talbitha titkellem sew. Min-naha l-ohra

meta xehdet l-omm din qalet li ma kinitx tkellmet mat-tifla qabel ma bdiet tirrekrodjaha u li qabdet u ghafset il-buttuna tat-tape-recorder malli t-tifla bdiet titkellem. Din id-diskrepanza hija rilevanti ferm ghaliex iddahhal dubji serji dwar l-ispontanjeta' u l-veracita' ta' dak li qalet it-tifla fit-tape recording.

3. Meta xehdet quddiem il-Qorti t-tifla qalet li l-imputat qatt ma semmielha l-kelma zunzana u spjegat li hija tghallmet din il-kelma l-iskola. Fit-tape recording minn-naha l-ohra it-tifla tghid li n-nannu kien isemmi din il-kelma meta jirreferi ghal parti genitali tieghu.

4. Meta xehdet fil-Qorti it-tifla qalet li l-imputat ma kien jghidilha xejn meta kien jaghmel l-affarijiet li semmiet izda fit-tape recording tghid li kien jirreferi ghall-parti genitali tieghu bil-kelma zunzana u kien jghidilha ‘squash it’. Aktar tard fit-*tape recording* it-tifla allegat li kien fil-fatt missierha li kien jghidilha *‘squash it’* ghall-parti genitali tal-imputat.

5. Meta xehdet quddiem il-Qorti it-tifla qalet li missierha u z-zija Omissis kienu jkunu wara l-bieb tal-kamra tal-banju waqt li n-nannu jkun qed jaghmel l-affarijiet li semmiet izda mbaghad tghid li missierha ma setghax jirrabja man-nannu ghaliex iz-zija Omissis kienet rieqda u sussegwentement tghid li missierha u z-zija haslulha idejha wara li l-imputat hamgilha idejha.

Il-Qorti tixtieq ukoll tirrileva li diversi drabi fit-*tape recording* it-tifla tghid il-*kliem ‘I am only joking’* u l-Qorti setghat tinnota wkoll li fit-tape recording hafna affarijiet li qalet it-tifla fil-fatt gew suggeriti lilha minn ommha. Fir-rigward ta' dan it-*tape recording* jinghad mal-ewwel li jirrizulta pjuttost evidenti li l-omm kienet tkellmet mat-tifla minn qabel dwar dak li kellha tghid u dan fil-fatt gie konfermat in parti mill-istess tifla meta xehdet quddiem il-Qorti u qalet li hija kienet tkellmet ma' ommha qabel ma sar it-tape recording fejn ommha qaltilha ‘*to speak properly*’ u spjegatilha li kienet set tirrekordjaha. L-omm min-naha l-ohra pruvat taghti l-impressjoni li dak li ntqal mit-tifla waqt it-*tape recording* kien spontanju u li t-tifla ma kienitx taf li qed tigi rekordjata. Ir-ripetizzjoni tal-kliem ‘I

am only joking' mit-tifla hija indikazzjoni tar-riluttanza taghha li tghid dawk l-affarijiet ghaliex ma kienux jirriflettu l-verita'.

Ikkunsidrat:

Illi meta wiehed iqis l-isfond li fih saru l-allegazzjonijiet in dizamina, u cioe' sitwazzjoni ta' zewg genituri qed jisseparaw b'mod mhux konsenswali, meta wiehed iqis l-eta' tenera tat-tifla, meta wiehed iqis l-inkonsistenzi fil-verzjonijiet tal-fatti moghtija mit-tifla li l-Qorti ghadha kemm accenat ghalihom fil-paragrafi precedenti, wiehed jasal ghal konkluzjoni li jezistu dubji ragjonevoli dwar il-verosomiljanza u l-veracita' ta' dak allegat mit-tifla u jidhol is-suspett li hemm il-possibilita' li t-tifla qalet dak li gie suggerit lilha li tghid. F'dan ir-rigward irid jinghad li huwa pjuttost normali li tifla ta' erba' snin tkun ghadha fi stat mentali li ma tiddistingwix kjarament bejn ir-realta' u l-fantasija u ghalhekk huwa facli hafna li xi haga suggerita lilha minn adult  tassumi s-sembjanza ta' realta' u f'mohha ssir realta'.

Il-Qorti inoltre jidrilha li wiehed difficilment jista' jemmen sitwazzjoni bhal dik suggerita mill-minuri li l-imputat seta' jittenta jaghmel l-affarijiet li semmiet hi b'missierha, iz-zija u n-nanna prezenti fid-dar jew addirittura barra l-bieb tal-kamra tal-banju.

Il-Qorti jidrilha li jezistu dubji serji dwar il-verosomiljanza ta' dak allegat mill-minuri, liema dubji ghandhom jillimitaw favur l-imputat u ghalhekk ma jistghax jitqies li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-akkuzi migjuba minnha fil-konfronti tal-imputat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

Ghal finijiet ta' protezzjoni tal-identita' tal-minuri l-Qorti qed tordna d-divjiet tal-publikazzjoni fi kwalunkwe mezz ta' telekomunikazzjoni ta' isem l-imputat, isem il-minuri, kif

ukoll tal-ismijiet tal-membri kollha tal-familja tal-minuri u tal-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------